Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2015

**Monica Zammit** **(appellata)**

**Vs**

**Future Focus Limited** **(appellanti)**

7 ta' Ottubru, 2016.

L-attrici harrket lis-socjeta konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fejn talbet il-hlas lura ta' €400, ammont li hallset ghall-kors *Intermediate Diploma in Good Practice in Childcare and Education*. L-attrici ssostni li applikat ghall-kors sabiex wara li giet assigurata li bih setat tahdem bhala Childcare Assistant. Pero' wara saret taf li l-kors ma kienx rikonoxxut sabiex l-attrici ssib impieg ta' Childcare Assistant.

Is-socjeta konvenuta ddefendiet ruhha billi argumentat li dan hu l-kors li setat taghmel l-attrici ghaliex ma kellhiex O'Level tal-Ingliz. Bil-level 3 Diploma in Childcare setat tahdem fis-settur ta' childcare ghalkemm l-awtoritajiet jippreferu min ghandu level 4. Inoltre ffirmat applikazzjoni fejn hemm terms and conditions, fosthom li l-applikant ghandu jaghmel il-verifiki dwar ir-rikonoxximent tal-kors.

B'sentenza tad-29 ta' Jannar 2015, it-Tribunal laqa' t-talba tal-attrici in parte, fejn inghad:

*"Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors Intermediate Diploma in Good Practice in Childcare and Education li skont ir-rikorrenti applikat ghalih bil-ghan li tahdem bhala Childcare Assistant filwaqt li s-socjeta intimata kkontendiet li hu dmir ta' kull persuna li ticcekkja dwar ir-rikonoxximent tal-kors maghzul;*

*Illi jinghad mal-ewwel li hija responsabbilta ta' dak li jkun se jixtri prodott jew servizz li jara sew li dak li se jixtri hu dak li effettivament ghandu bzonn jew jixtieq;*

*Illi fil-fatt fil-kundizzjonijiet annessi mar-risposta tas-socjeta intimata (li r-rikorrenti ffirmat) il-klawzola dwar rikonoxximent tal-korsijiet tghid li "It is the responsibility of the applicant to clarify matters before enrolment";*

*Illi skont ir-rikorrenti, hi saqsiet lis-socjeta intimata u r-rikorrenti dejjem giet infurmata li dak il-kors hu dak li ghandha bzonn;*

*Illi dan it-Tribunal ihoss li tali nformazzjoni ghandha tinghata lil kull konsumatur biex dan ikun f'posizzjoni cara biex jiddeciedi jekk jiehux tali kors jew le;*

*Illi hafna drabi persuna ssegwi kors biex tuzah fl-ambitu tax-xoghol u r-rilevanza tal-kwalifiki hu essenzjali f'dan ir-rigward;*

*Illi kif gja kellu okkazzjoni jishaq dan it-Tribunal, kul min qieghed fil-qasam tal-edukazzjoni bhas-socjeta intimata ghandu jaghti informazzjoni cara, dettaljata u korretta dwar x'ikopri kors u ghalxiex jista' jintuza. B'hekk il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghmel decizjoni infurmata;*

*Illi għalkemm hemm responsabbilta ta' kul min japplika għal kors partikolari, l-informazzjoni kollha necessarja għandha tingħata minn min qiegħed fis-settur edukattiv lill-istudenti mal-ewwel u qabel isir kwalunkwe ħlas;*

*Illi biex jingħata servizz kif mistenni, kulmin ikun qed joffri tali servizz għandu jżomm ruħu aggornat kemm bir-rikonoxximent kif ukoll bir-requirements tas-suq. B'hekk ikun jista' jgħaddi tali informazzjoni lill-konsumatur;*

*Illi għalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal iħoss li għandu jattribwixxi tlitt kwarti tal-ispejjez bħala responsabbilta tas-socjeta intimata u kwart tar-rikorrenti;*

*Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parti t-talba ta' Monica Zammit u l-eccezzjonijiet tas-socjeta Future Focus Limited kif fuq spjegat u konsegwentement jordna lis-socjeta Future Focus Limited tirrifondi lura lil Monica Zammit s-somma ta' €300, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jinqasmu bl-istess persentagg tas-sorte."*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. It-Tribunal żbalja meta kkundanna lis-socjeta konvenuta tħallas lura s-somma ta' €300, u dan meta ma kien hemm l-ebda raguni li timmerita r-rifużjoni.

2. It-Tribunal interpreta b'mod żbaljat il-kondizzjonijiet fil-kuntratt għaliex il-klawżola *"it is the responsibility of the applicant to clarify matters before enrolment"* m'hijiex intiża sabiex teżonera lis-socjeta konvenuta milli tgħaddi l-informazzjoni kollha dwar il-kors.

L-attrici wiegbet:

1. L-appell hu null għaliex m'huwiex bażat fuq waħda mir-ragunijiet li tissemma fl-Artikolu 22(2) tal-Kap. 378.

2. F'kull kaz, is-sentenza hi korretta in kwantu rriżulta li l-kors li offriet il-konvenuta ma kienx iwassalha għal kwalifika li jippermettilha ssib xogħol ta' kindergarten assistant.

**Konsiderazzjoni.**

1. Skont artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), hemm appell illimitat minn decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumaturi meta l-ammont tat-talba jaqbeż is-somma ta' €1,200. F'din il-kawża, l-ammont huwa ta' €400. Għalhekk skont l-Artikolu 22(2) appell jista' jsir biss:

   *"(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*
   *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*
   *(c) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

2. Is-sentenza tat-Tribunal ma kellhiex x'taqsam mal-ġurisidzzjoni jew preskrizzjoni.

3. Ghal dak li jikkoncerna t-tielet paragrafu tal-Artikolu 22(2), kull parti nghatat l-opportunita li tressaq il-provi taghha u l-konvenuta ma tallegax li kien hemm xi *bias* min-naha tat-Tribunal.

4. F'Awissu 2012 l-attrici applikat biex issegwi l-kors *Level 3, Intermediate Diploma in Good Practice in Childcare* organizzat mis-socjeta konvenuta. Fl-applikazzjoni, ghad-domanda *"What do you intend to do after the course?"*, wiegbet: ***"work in a childcare centre"***[1]. Mela hu evidenti li l-intenzjoni tal-attrici kienet li hekk tikkwalifika mill-kors, tibda tahdem bhala *childcare assistant*. Fatt li allura kien maghruf ghall-konvenuta li rceviet u pprocessat l-applikazzjoni. Fl-applikazzjoni jinghad li l-kwalifika hi rikonoxxuta mis-settur privat. Pero rrizulta li fl-4 ta' Mejju 2012 saru emendi fin-*National Standards for Child Day Care Facilities* (2006) fir-rigward ta' *Standard 1: Suitable Persons*, fis-sens li *carer* ta' tfal taht l-eta' ta' 3 snin ghandha bzonn kwalifika f'livell ta' MQF4 jew oghla. F'email li l-attrici rceviet minghand id-Department for Social Welfare Standards jinghad li:

*"As of the 4th of May 2012, the Malta Qualification Council (MQC) has also pegged the new qualification requirements at MQF level 4 for Child Care Workers working in Child Day care settings for children aged from 0-3 years, while Child Day Care Managers should have a qualification in Managing a Child Care Centre for children aged from birth to three years at an MQF level 5. Prior to this announcement there was no MQF level rating for the child care workforce."*

Dr Philip Von Brockdorff, Kap Ezekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Edukazzjoni Ghola u Avvanzata, xehed:

*"…. **nghid li ghal haddiem ta' childcare worker gie deciz li hemm bzonn ta' level 4**, filwaqt li ghal kariga ta' manager ta' child care centre hemm bzonn ta' level 5."*

F'Lulju 2012, Il-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki[2] hareg dikjarazzjoni li l-kors *Intermediate Diploma Level 3 in Good Practice in Child Care and Education* organizzat mis-socjeta konvenuta, ma kienx rikonoxxut (ara Dok. RGD6). Fil-fatt taht il-kelma *Status*, hemm il-kliem **Not Recognised**. Fid-dikjarazzjoni jinghad: *"As a national accreditation process to validate and recognize such qualification/s is still underway, MQRIC cannot issue any statement on the value of such home-grown qualifications."* Hu ghalhekk evidenti li meta l-attrici applikat ghall-kors li toffri s-socjeta konvenuta, ma kienx rikonoxxut mill-istituzzjoni stabbilita mil-ligi biex tirrikonoxxi kwalifiki. Fatt li mhux verosimili li l-konvenuta ma kinitx taf bih meta tqies li topera fil-qasam tal-edukazzjoni. F'kull kaz bhala kumpannija li topera fil-qasam tal-edukazzjoni kellha dmir li tkun taf b'tali fatt u tgharraf lil kull min imur biex japplika ghall-kors *Level 3, Intermediate Diploma in Good Practice in Childcare and*

[1] Ghalkemm fit-twegiba ghall-appell l-attrici qalet li riedet issib xoghol ta' kindergarten assistant, jidher li dan hu zball tad-difensur. L-attrici qatt ma qalet li l-kors ghamlitu biex tahdem bhala kindergarten assistant.

[2] *Ara avviz legali 347 tal-2005.*

*Education*. F'dan ix-xenarju l-qorti ssibha difficli temmen li l-attrici kienet ser issib impieg bhala *carer*. Fil-kondizzjonijiet jinghad li: *"All courses are recognized by the private sector."* Pero' dan ma jidhirx li kien il-kaz fiz-zmien li applikat l-attrici meta tqies li l-kors in kwistjoni kien ghadu m'huwiex rikonoxxut mill-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki. Fatt li jaghmel iktar kredibbli l-verzjoni tal-attrici li qalet li ghamlet verifiki ma' numru ta' *day care centres* u kollha qalulha li dak il-kors ma kienx bizzejjed biex tigi mpjegata bhala *child carer*. Il-qorti taqbel mat-Tribunal li l-konvenuta kellha dmir tgharraf lil kull min applika ghall-kors bit-tibdil u li kien ghadu m'huwiex rikonoxxut.

5. Tant li wara dak li gara fil-bidu ta' Mejju 2012 il-kors li applikat ghalih l-attrici ma kienx bizzejjed, li Roseanne Galea xehedet: *"Nghid illi l-indikazzjoni dak iz-zmien kienet li se jintalbu level 4 biex wiehed jahdem bhala child carer. Ahna bhala Future Focus morna ghand il-Malta Qualificatons Council u gibna l-accreditation ghall-level 4. Nghid illi b'hekk il-level 3 li ahna ghamilna u li bdew ir-rikorrenti gie meqjus bhala level 4 mill-Malta Qualifications Council* ***billi tajna estensjoni tal-kors bla hlas lil min kien interessat."***[3] Hu ghalhekk evidenti li waqt il-kors sar xi tibdil fih. Tibdil li sar wara Ottubru 2012, cjoe' fi zmien meta l-attrici u studenti ohra kienu ddecidew li ma jkomplux il-kors. Tant hu hekk li f'email datata 30 ta' Ottubru 2012, Roseanne Galea ma semmitx dawn il-fatti izda qalet: *"As at today Ms Zammit can work in child care with a level 3 course* ***but eventually she would need to continue her studies****. She cannot jump into a level 4 course since she does not have the necessary entry qualification and this was well explained to her."* L-istess qalet f'email tat-30 ta' Ottubru 2012; *"You can confirm with Ms Gouder yourself that as at today she can work with a level 3 qualification but she would need to upgrade at a later date."* Hu evidenti li l-konvenuta kienet taf li l-kors li applikat ghalih l-attrici ma kienx bizzejjed[4], u dan wara l-emendi li thabbru f'Mejju 2012 fin-*National Standards for Child Day Care Facilities*. Il-qorti ssibha difficli temmen li t-tibdil fil-kors sar minghajr hlas. Tibdil li in vista tal-kontenut tal-emails, il-qorti hi moralment konvinta li sar wara Ottubru 2012. F'kull kaz lanqas ma nghatat prova dokumentarja li ntbaghat avviz lill-attrici li kien sar tibdil fil-kors Level 3 sabiex jilhaq *MQF Level Rating* ta' 4 u li ma kienx hemm bzonn li jithallsu iktar flus[5]. Roseanne Galea stess qalet, *"Nghid illi jiena ma kellimtx lill-persuni prezenti biex nispjega fuq il-possibilta tal-extension…."*[6]

---

[3] Hu minnu li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014 qalet, *"Ngid illi kien hemm bzonn ta' estensjoni tal-course level 3 ghax hafna mill-child carers xtaqu li jkollhom l-opzjoni li jahdmu bhala kindergarten assistant."* Il-qorti ma temminx in kwantu dak li qalet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 ma jiftehemx hekk.

[4] *Il-qorti ma temminx lil Roseanne Galea meta qalet: "Jiena ma nafx illi fl-4 ta' Mejju 2012 inhareg xi ruling mill-awtoritajiet kompetenti fejn gie stabbilit illi l-kwalifiki necessarji nbidlu."*

[5] L-attrici xehedet: *"Nghid illi dwar l-estensjoni li semmiet is-sinjura Galea illum stess u cioe' biex mil-level 3 jigi kkunsidrat bhala level 4, hadd ma qalli jew infurmani dwar dan."*

[6] Ir-raguni li tat ghalfejn m'gharrfithomx kien minhabba li *"… l-istess persuni kien qed jaghmlu storbju fl-ufficcju taghha u jiena tajt struzzjonijiet sabiex jiktbuli bil-miktub."* Pero mill-analizi tal-provi li ghamlet il-qorti, sa dak iz-zmien il-konvenuta kienet ghadha ma haditx decizjoni li tibdel l-istruttura

6. Ghalkemm b'riferenza ghall-email tat-30 ta' Ottubru 2012 Galea qalet, *"Nghid illi meta semmejt fl-email illi riedet tkompli l-istudji taghha kont qed nirreferi ghall-estensjoni b'xejn li bhala Future Focus ghamilna u li b'hekk il-kors gie level 4."* L-email ma tiftehemx hekk u Roseanne Galea taf. Il-qorti ma temminx lil min jipprova jghawweg il-fatti b'dan il-mod.

7. Hu minnu li giet ezibita dikjarazzjoni ohra tal-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki (Dok. RGD4) datata 29 ta' Novembru 2012 fejn jinghad li l-*level rating* tal-kors hu 4. Dikjarazzjoni li ntbaghatet lill-attrici. Ghalhekk il-qorti fehemet li dan ic-certifikat inhareg a bazi tal-applikazzjoni[7] li l-attrici pprezentat (Dok. RGD5) mal-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki dwar il-kors in kwistjoni. Pero' mill-provi rrizulta li sa dak iz-zmien, l-attrici kienet diga' ddecidiet li ma tkomplix issegwi l-kors probabilment wara li mill-*inquiries* li ghamlet giet infurmata minn *child care centres* li dik il-kwalifika ma kinitx bizzejjed biex timpjega ruhha bhala *child carer*. Decizjoni li kellha kull dritt li taghmel gialadarba rrizulta li fl-istadju li ttiehdet, il-kors ma kienx rikonoxxut mill-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki. Roseanne Galea xehedet: *"Nghid illi u naghmel riferenza ghall-Dok. RG4 illi l-intermediate level 3 huwa l-istess bhal level 4, kif rikjest mill-awtoritajiet kompetenti."* Pero' ghall-qorti hu evidenti li a bazi ta' dak li xehedet Roseanne Galea, kien biss wara li sar tibdil fil-kors, li l-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki ta lill-kors *rating* ta' Level 4. Tibdil fil-kors li sar **wara** li l-attrici u studenti ohra kienu diga' waqfu milli jattendu l-kors.

8. Il-konvenuta ressqet ukoll bhala xhieda lil Cynthia Deguara u Mariella Formosa, sabiex turi li certifikat b'rating ta' level 3 hu bizzejjed. Pero' dak li qalu jmur kontra d-decizjoni li ttiehdet mill-Gvern f'Mejju 2012 u ma jirriflettix dak li xehed Dr Philip Von Brockdorff.

9. Hu minnu li fl-applikazzjoni jinghad li, *"Deposit amount is non refundable at any time."* Pero f'dan il-kaz l-attrici u shabha kienu gustifikati li jiehdu d-decizjoni li ma jkomplix il-kors u jitolbu lura l-flus li hallsu.

10. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ma tistax tikkonkludi li bil-mod li t-Tribunal iddecieda kien hemm nuqqas ta' *procedural fairness*. Fl-atti hemm provi cari li ma jhallu l-ebda dubju li l-attrici kellha ragun tilmenta. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li t-Tribunal iddecieda minghajr ma kien hemm provi favur it-tezi tal-attrici jew iddecieda b'mod li qatt ma seta jiddeciedi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.

---

tal-kors biex jigi konformi. F'kull kaz f'korrispondenza li baghtet Roseanne Galea (ara emails datati 30 u 31 ta' Ottubru 2012) qatt ma ssemma li kienet saret estensjoni tal-kors Level 3.

[7] *Application for the Assessment of a Prospective Qualification li l-attrici pprezentat fit-8 ta' Ottubru 2012 (Dok. MMS1).*